MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 89/2006/3

***Imnaria Ventures Limited***
***versus***
***MAPA Holdings Limited***

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mis-soċjetà attriċi biex jinstema’ mill-ġdid appell maqtugħ b’sentenza ta’ din il-qorti tad-9 ta’ Novembru 2012, wara li titħassar dik is-sentenza għax l-attriċi tgħid illi s-sentenza (i) hija l-effett ta’ żball li jidher mill-atti tal-kawża, (ii) applikat il-liġi ħażin u (iii) hija kuntrarja għal sentenza oħra ta’ qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f’ġudikat (art. 811 para. (*l*), (*e*) u (*h*)

rispettivament tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti, safejn huma relevanti għal din is-sentenza tallum, huma dawn: il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili b’sentenza mogħtija fit-28 ta’ Ġunju 2002 fl-ismijiet Dr Louis Cassar Pullicino *nomine versus* Michael Zammit *nomine et* ikkundannat lis-soċjetà konvenuta *Mapa Holdings Limited* tħallas lil Elmira Figlina u lil Alexander Figlina, li deher għalihom l-Avukat Louis Cassar Pullicino [“il-Kredituri”], is-somma ta’ mija u disgħa u għoxrin elf u tmien mitt dollaru amerikan ($129,800) – daqs ħamsa u ħamsin elf, tliet mija u sebgħa u tletin lira u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm55,337.65) fil-munita ta’ dak iż-żmien – flimkien mal-imgħaxijiet, u ikkundannat lill-istess soċjetà konvenuta u lis-soċjetà attriċi *Imnaria Holdings Limited* flimkien *in solidum* iħallsu lill-istess Kredituri somma ulterjuri ta’ tnejn u erbgħin elf dollaru amerikan (€42,000) – daqs sbatax-il elf, disa’ mija u ħames liri u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,905.86) fil-munita ta’ dak iż-żmien – flimkien mal-imgħaxijiet. Dwar l-ispejjeż is-sentenza ipprovdiet illi “terz” jitħallas mis-soċjetà attriċi u “tliet kwarti” mis-soċjetà konvenuta[1].

3. Wara li ngħatat is-sentenza l-Kredituri kisbu l-ħruġ ta’ mandati esekuttivi biex jitħallsu. Waqt li kienu mexjin dawn il-proċeduri esekuttivi sar ftehim bejn is-soċjetà konvenuta u l-Kredituri li bis-saħħa tiegħu s-soċjetà konvenuta ħallset somma għas-saldu ta’ sehemha mid-dejn u, talli għamlet dak il-ħlas, il-Kredituri ħelsuha mill-obbligazzjonijiet lejhom. Il-Kredituri iżda komplew bil-proċeduri esekuttivi kontra s-soċjetà attriċi għall-ħlas tad-dejn kollu li din kellha *in solidum* mal-konvenuta u, biex ma tinbigħx proprjetà tagħha *sub hasta*, l-attriċi ħallset id-dejn solidali, *i.e.* sbatax-il elf, disa’ mija u ħames liri u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,905.86) – daqs wieħed u erbgħin elf, seba’ mija u disa’ euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€41,709.43) fil-munita tallum – flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż. Imbagħad fittxet lill-konvenuta biex troddilha sehemha minn dan il-ħlas, *i.e.* in-nofs, li jiġi tmint elef, disa’ mija u tnejn u ħamsin lira u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm8,952.93) – daqs għoxrin elf, tmien mija u

---

1 Evidentement hemm żball matematiku billi $\frac{1}{3} + \frac{3}{4} = \frac{13}{12}$.

erbgħa u ħamsin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€20,854.71) – flimkien ma' sehemha mill-imgħaxijiet u tlieta minn erbgħa (¾) tal-ispejjeż.

4. Il-konvenuta wieġbet li ma kellha tħallas xejn għax kienet meħlusa minn kull dejn.

5. B'sentenza mogħtija fl-1 ta' April 2009 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet hekk:

"Dwar it-talba attriċi li l-qorti tiddikjara lis-soċjetà intimata debitriċi favur is-soċjetà rikorrenti fis-somma ta tmint elef, disa' mija u tnejn u ħamsin lira maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm8,952.93), *oltre* l-imgħaxijiet legali mis-sittax (16) ta' Ġunju 1995, u tliet kwarti tal-ispejjeż ġudizzjarji, il-qorti tħoss li għandha tilqa' l-istess talba minħabba li irriżultat dovuta in segwitu tas-sentenza ta' din il-qorti tat-28 ta' Ġunju 2002 …

"Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tmint elef, disa' mija u tnejn u ħamsin lira maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm8,952.93), ossija €20,854.71 *oltre* l-imgħaxijiet legali mis-sittax (16) ta' Ġunju 1995, u tliet kwarti tal-ispejjeż ġudizzjarji.

"Spejjeż kontra s-soċjetà intimata.

"Salvi kull drittijiet versu terzi."

6. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Is-soċjetà intimata tinsisti li hi kienet meħlusa mill-obbligi lejn Dr Cassar Pullicino *nomine* iżda l-qorti m'għandhiex dik il-pretensjoni x'tittratta iżda l-waħda ta' bejn il-kontendenti odjerni. Dak li ġara bejn Dr Cassar Pullicino *nomine* u s-soċjetà intimata mhux parti mill-kawża odjerna u l-obbligu ta' din il-qorti huwa li teżamina jekk is-soċjetà intimata hix responsabbli għal dik is-solidalità msemmija u għan-nofs tad-debitu sodisfatt mis-soċjetà rikorrenti. It-transazzjoni li ntlaħqet bejn Dr Cassar Pullicino u l-*Mapa* hija *res inter alios acta vis-à-vis* s-soċjetà rikorrenti u b'ebda mod ma jista' jnaqqas id-drittijiet tal-istess soċjetà rikorrenti meta hi la kienet parti u anqas biss konxja tal-ftehim milħuq. Li kieku kif issostni s-soċjetà intimata l-azzjoni fil-konfront tagħha minn Dr Cassar Pullicino *nomine* ġiet irtirata kompletament l-imsemmi Dr Cassar

Pullicino *nomine* ma setax jeżegwixxi l-ammont kollu dovut mill-kontendenti solidalment. Responsabbiltà solidali tal-konvenuti fil-kawża l-oħra ossija l-kontendenti odjerni ma kenitx ta' soċjetà jew is-soċjetà l-oħra iżda solidalment bejniethom. Il-ftehim bejn *Mapa Holdings Limited* u Dr Cassar Pullicino *nomine* ma setax jaffettwa negattivament lil *Imnaria Ventures Limited*. Id-debitu kien wieħed solidali. Anqas ma jista' japplika l-prinċipju li *Imnaria Ventures Limited* għamlet ħlas li ma kellhiex tagħmel. Anqas ma jista' japplika d-dispost tal-artikolu 1960 li jgħid hekk:
""Jekk il-kreditur jeħles wieħed mill-garanti tiegħu mingħajr il-kunsens tal-oħrajn, dan il-ħelsien jiswa lill-garanti l-oħra sas-sehem tal-garanti li jkun ġie hekk meħlus."
"U dan minħabba l-fatt li s-soċjetà rikorrenti qatt ma ġiet infurmata bil-ftehim milħuq bejn is-soċjetà intimata u Dr Cassar Pullicino *nomine* u għalhekk ċertament li ma setgħet qatt tissolleva dan il-punt biex tiffinalizza l-pendenza dovuta u dan speċjalment meta kienet infaċċata bi procedura ta' *sub hasta*."

7. Is-soċjetà konvenuta appellat minn din is-sentenza u din il-qorti b'sentenza tad-9 ta' Novembru 2012 – is-aentenza attakkata – iddeċidiet hekk:

"… tiddisponi mill-appell interpost mis-soċjetà konvenuta billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel qorti, u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża jitħallsu mis-soċjetà attriċi appellata."

8. Din il-qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"… f'din il-kawża ż-żewġ partijiet kienu gew ikkundannati *in solidum* iħallsu somma flus lil Elmira Figlina, li kienet rappreżentata hawn Malta mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino. Is-soċjetà konvenuta waħedha ġiet ikkundannata tħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm55,337.65, waqt li l-partijiet *in solidum* ġew ikkundannati jħallsu s-somma ta' Lm17,905.86. Is-soċjetà attriċi qed tgħid li hi ħallset din l-aħħar somma kollha hi waħedha, u qed titlob li s-soċjetà konvenuta tħallas sehemha, *cioè* nofs l-ammont li ħallset, flimkien mal-imgħax.

"Is-soċjetà konvenuta tissottometti illi hi kienet waslet fi ftehim mal-attriċi[2], *tramite* l-avukat tagħha, li hi tħallas somma globali (qrib is-Lm60,000) għas-saldu ta' dak kollu li jista' jkun dovut minnha. Fis-17 ta' Diċembru 2002, l-avukat Cassar Pullicino għall-kreditriċi kiteb lis-soċjetà konvenuta biex jaċċetta din il-proposta li fi kliemu kienet tikkonsisti filli s-soċjetà konvenuta

""(settles) *MAPA'S* net liability in return for a release of any further liability in respect of the amounts for which *MAPA* are jointly and severally liable together with *Imnaria Ventures*".

"Is-soċjetà attriċi targumenta li b'dan il-ftehim is-soċjetà konvenuta ġiet maħluha mis-solidarjetà versu l-kreditriċi, però, fir-relazzjoni interna ta' bejniethom, kull debitur baqa' responsabbli għal sehemu tas-somma dovuta *in solidum*.

"L-ewwel qorti qablet mas-soċjetà attriċi u qalet illi dak li ġara bejn Dr Cassar Pullicino u s-soċjetà konvenuta mhux parti mill-kawża odjerna, u dan il-ftehim ma setax jaffettwa negattivament lil *Imnaria Ventures Ltd*.

"Is-soċjetà konvenuta appellat mis-sentenza u l-aggravju hu marbut mal-interpretazzjoni li għandu jingħata lill-ftehim milħuq bejnha u Dr Cassar Pullicino, u qed issostni li bis-saħħa ta' dak il-ftehim, mhux biss ġiet terminata s-solidarjetà bejn il-partijiet, iżda ġie eżawrit id-debitu kollu li kellha ma' Dr Cassar Pullicino *nomine*.

"Din il-qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta appellanti. Hu minnu li jekk debitur *in solidum* jiġi meħlus mis-solidarjetà mill-kreditur, il-posizzjoni hi kif indikata mis-soċjetà attrici …

"… kieku l-kreditur sempliciment irrilaxxja lis-soċjetà *MAPA Holdings Ltd* mis-solidarjetà, ir responsabbilità ta' din tkun biss *pro rata*. Is-soċjetà debitriċi l-oħra tibqa' responsabbli versu l-kreditur għall-ammont sħiħ, iżda s-soċjetà *MAPA Holdings Ltd* tkun responsabbli biss *pro rata*, bir-riżultat li jekk l-ewwel soċjetà tiġi mitluba u tħallas is-somma kollha, din tkun tista' ddur fuq *MAPA Holdings Ltd* biex din tħallas sehemha, *cioè* in-nofs tad-debitu.

"F'dan il-każ però ma ġarax biss hekk. Il-proposta tas-soċjetà konvenuta kienet immirata biex din teħles minn

---

2 *i.e.* il-Kredituri.

kull dejn li kellha lejn Dr Cassar Pullicino *nomine*, u dan tal-aħħar aċċetta li jirrilaxxja lis-soċjetà konvenuta "*of any further liability in respect of the amounts for which Mapa are jointly and severally liable together with Imnaria Ventures*". Is-soċjetà konvenuta ma ġietx maħlula biss mis-solidarjetà, imma wkoll minn sehemha tad-dejn li kellha mas-soċjetà attriċi. Hekk għandu jiftehem l-arranġament li s-soċjetà għamlet ma' Dr Cassar Pullicino, kif, *del resto*, jidher li kien il-ħsieb wara l-proposta li għamel Michael Zammit għas-soċjetà konvenuta. Fi kliem ieħor, b'dak l-arranġament, is-soċjetà konvenuta tneħħiet bħala debitriċi, u baqgħet debitriċi s-soċjetà attrici, però, għal sehemha mill-istess dejn.

"…

"… Meta l-kreditriċi aċċettat li tillibera lis-soċjetà konvenuta "*of any further liability*", kienet qed taċċetta l-estinzjoni parzjali tad-debitu, u d-debitur l-ieħor, is-soċjetà attrici, kellha tħallas biss nofs dak id-debitu.

"Dr Cassar Pullicino spjega li wara li sar ħlas mis-soċjetà konvenuta, huwa baqa' għaddej bil-proċeduri ta' *sub hasta* li kien nieda kontra s-soċjetà attrici, liema proċeduri ġew imwaqqfa wara li din is-soċjetà ħallset is-somma kollha dovuta. Is-soċjetà attrici tgħid li hi ħallset is-somma kollha, u allura għandha dritt tirkupra nofs is-somma mingħand is-soċjetà konvenuta. Jekk, però, jirriżulta li hi ħallset ħażin, ma tistax tgħabbi b'dan l-iżball lis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà attriċi għażlet li tħallas mingħajr ma jidher li għamlet verifika sewwa ta' xi tħallas mill-parti l-oħra; qabdet u ħallset kollox, inkluż dak li ma kienx dovut, la minnha u wisq anqas mis-soċjetà konvenuta.

"Dr Cassar Pullicino xehed li l-kreditriċi aċċettat is-somma ta' Lm60,000 "a saldu tal-ammont dovut minn *Mapa Holdings* skont is-sentenza fl-intier tagħha, jiġifieri kemm dak li kienet esklussivament responsabbli għalih li tħallas, kif ukoll solidalment ukoll". Dan ifisser li fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, ġiet terminata s-solidarjetà u ġiet meħlusa minn kull dejn, u kwindi dak li seta' ntalab mis-soċjetà attriċi kien biss sehemha mid-dejn, u mhux ukoll dik il-parti li ġiet maħfura. Jekk is-soċjetà attriċi ħallset iż-żejjed, hi ma tistax iddur lejn is-soċjetà konvenuta biex tiġbor mingħandha dak li messha qatt ħallset f'isimha.

"Għar-rigward l-ispejjeż tal-kawża mnidija mill-avukat Dr Cassar Pullicino *nomine*, dawn ma ġewx allokati *in solidum* bejn il-partijiet; parti, *cioè*, terz, ġew allokati esklussivament lil *Imnaria Ventures Ltd*, u l-parti l-oħra, *cioè*, żewġ terzi, ġew allokati esklussivament lill MAPA *Holdings Ltd*, u kwindi ma jirriżultax għaliex is-soċjetà *Imnaria Ventures Ltd* talbet li s-soċjetà l-oħra tkun ikkundannata tħallas tliet kwarti tal-ispejjeż ġudizzjarji. Kif ingħad, ma kien hemm ebda solidarjetà f'dan il-kuntest, u kull parti kellha tħallas sehemha tal-istess spejjeż. Is-soċjetà konvenuta ħallset Lm60,000 *dietro* kwittanza assoluta, u ma tistax issa tiġi mitluba tħallas ammonti oħra. Is-soċjetà konvenuta offriet li tħallas Lm60,000 bil-kundizzjoni li ma jkollha xejn x'taqsam aktar; wara li Dr Cassar Pullicino tkellem mal-mandanti tiegħu, aċċetta din l-offerta u llibera lill-istess konvenuta minn kull responsabbilità."

9. Is-soċjetà attriċi qiegħda issa b'rikors tal-5 ta' Frar 2013 titlob illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza attakkata għax qiegħda tgħid illi dik is-sentenza (i) hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża, (ii) applikat il-liġi ħażin u (iii) hija kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat (art. 811 para. (*l*), (*e*) u (*h*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Is-soċjetà konvenuta wieġbet fit-28 ta' Frar 2013 u fissret għala, fil-fehma tagħha, is-sentenza ma għandhiex titħassar.

10. L-ewwel raġuni għat-tħassir tas-sentenza – żball li jidher mill-atti tal-kawża – l-attriċi fissritha hekk:

"… il-Qorti tal-Appell kienet żbaljata meta straħet u qagħdet fuq xiehda partikolarment tal-kreditur *nomine*, skond liema, meta s-soċjetà ritrattata ħallset id-dejn dovut individwalment minnha, ġiet meħlusa wkoll mid-dejn solidali, meta … kellu jirriżulta li l-istess xhud kien kontradittorju meta wieħed iqis dak li kien qal f'xiehda preċedenti tiegħu mogħtija fl-istess kawża. Dan anki jirriżulta li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell kienu żbaljati *stante* li huma kontradetti mill-fatti oġġettivi li rriżultaw matul il-mori tal-kawża u li wasslu sabiex is-soċjetà esponenti tħallas id-dejn kollu li kien

dovut solidalment u li għaldaqstant il-kawża ma setgħetx tiġi deċiża a bażi ta' tali xiehda jew a bażi tal-argument li s-soċjetà esponenti kienet ħallset dak li ma kellhiex tħallas. … [I]l-fatti oġġettivi juru wkoll li s-soċjetà esponentl kienet ġiet imgiegħla tħallas l-ammont kollu ta' dejn solidali proprju għaliex is-soċjetà konvenuta ma kinitx meqjusa liberata mill-ammont ta' dejn solidali li din kienet debitriċi tiegħu flimkien mas-soċjetà esponenti. Li kieku ma kienx hekk, il-kreditriċi kif rappreżentata mill-kreditur *nomine*, ma kinitx tibqa' tiġri wara s-soċjetà esponenti għall-ammont kollu solidalment dovut iżda kienet tinsisti biss għal nofs dak l-ammont."

11. Effettivament, is-soċjetà attriċi qiegħda tislet argument mill-fatt li l-Kredituri talbuha tħallas id-dejn kollu, u mhux biss sehemha minnu, biex tgħid illi ma hux minnu li lill-konvenuta nħafrilha sehemha mid-dejn iżda biss ġiet meħlusa mis-solidarjetà.

12. L-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li fuqu hija msejsa din il-parti tat-talba, igħid hekk:

"**811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell … tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

"…

"(*l*) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."

13. Il-fatt jekk il-ftehim bejn il-Kredituri u s-soċjetà konvenuta kienx ħelsien biss mis-solidarjetà jew ħelsien minn sehem mid-dejn kien il-qofol tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet u dan il-fatt ġie deċiż bis-sentenza attakkata. Li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi issa hu illi din il-qorti tagħmel valutazzjoni mill-ġdid ta' dan il-fatt. Dan, iżda, ma huwiex il-kompitu tal-qorti fi proċeduri bħal dawk tallum.

Ladarba fis-sentenza attakkata l-qorti mhux għamlet "suppożizzjoni" li xi fatt jeżisti jew ma jeżistix iżda tat deċiżjoni dwar fatt kontestat, dik id-deċiżjoni, tajba jew ħażina, ma tintlaqatx bl-art. 811(*l*). It-talba taħt dak il-paragrafu hija għalhekk miċħuda.

14. It-tieni raġuni għat-tħassir tas-sentenza – applikazzjoni tal-liġi ħażina – l-attriċi fissritha hekk:

"… permezz ta' dak deċiż permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi *stante* li minkejja li fl-istess sentenza kien hemm referenza għall-artikolu 1107 tal-Kodiċi Ċivili li jistipola li:
""Il-kondebitur li jħallas id-dejn *in solidum* kollu, ma jistax jitlob mingħand l-oħrajn ħlief is-sehem ta' kull wieħed minnhom bl-imgħax minn dak in-nhar tal-ħlas, allavolja jkun hemm ċessjoni ta' jeddijiet."
"il-Qorti tal-Appell naqset milli tapplika dan l-artikolu bil-mod kif dan tant kjarament jistipola u *cioè* fis-sens li jagħti d-dritt lis-soċjetà esponenti titlob mingħand is-soċjetà konvenuta s-sehem dovut minnha mid-dejn solidali li s-soċjetà esponenti ma kinitx ingħatat triq oħra ħlief li tħallas, u dan billi l-Qorti tal-Appell dawwret is-sentenza tal-ewwel qorti u kkonkludiet li s-soċjetà attriċi ma kellhiex dritt illi titlob mingħand is-soċjetà konvenuta s-sehem tagħha referibbli għad-dejn kollu li kien dovut solidalment bejniethom minkejja li l-istess soċjetà attriċi kienet ħallset tali dejn lill-kreditriċi tagħhom.
"Dan il-fatt wassal ukoll għan-nuqqas ta' apprezzament ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1166 (*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li:
""Is-surroga ssir *ipso jure* favur -
""(*ċ*) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;"
"L-anqas ma jidher li l-Qorti tal-Appell ikkonsidrat dak provdut mill-artikolu 1096 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li:
""Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri *in solidum*, b'għażla tiegħu, mingħajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-benefiċċju tal-qsim tal-obbligazzjoni."
"meta din qieset lis-soċjetà esponenti bħallikieku kienet żbaljat meta ħallset id-dejn solidali kollu li kien ġie mitlub mill-kreditur *nomine*."

15. L-argument tas-soċjetà attriċi dwar il-liġi li kellha tiġi applikata huwa kollu msejjes fuq il-premessa illi lill-konvenuta nħafritilha biss is-solidarjetà u mhux ukoll sehem mid-dejn. Dwar dan, kif rajna, kien hemm deċiżjoni fis-sentenza attakkata u għalhekk ma għadux miftuħ għall-qorti f'dawn il-proċeduri li terġa' tara jekk din il-premessa ta' fatt hijiex tajba jew le. Ladarba ġie deċiż irrevokabilment illi lill-konvenuta nħafrilha sehem mid-dejn, taqa' l-premessa li fuqha huwa msejjes l-argument tal-attriċi dwar l-applikabilità tal-artikoli tal-liġi msemmija mill-istess attriċi, u jaqa' wkoll l-istess argument.

16. It-talba biex titħassar is-sentenza minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi hija għalhekk miċħuda.

17. L-aħħar raġuni għat-tħassir tas-sentenza attakkata hija li din hija kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat. L-attriċi fissret din ir-raġuni hekk:

"… is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell u l-effetti li jemanaw minnha huma kuntrarji għal dak provdut fis-sentenza mogħtija preċedentement fil-konfront taż-żewġ soċjetajiet kontendenti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju, tas-sena 2002 fl-ismijiet Dr Louis Cassar Pullicino *noe vs* Michael Zammit *noe et* (ċitazz. nru 880/97GV) permezz ta' liema s-soċjetà esponenti kienet ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' tnejn u erbgħin elf dollaru amerikan (US$42,000) ekwivalenti għal sbatax-il elf, disa' mija u ħames liri maltin u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,905.86) *in solidum* u *cioè* flimkien mas-soċjetà intimata, bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet mis-sittax (16) ta' Ġunju 1995.

"Illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2012 hija kuntrarja għas-sentenza su-riferita minkejja li din kienet tikkonċerna wkoll l-ammont ta' dejn solidali mertu ta' din il-kawza (u b'hekk l-istess oġġett mertu ta' din il-kawża) għaliex mentri s-soċjetà esponenti ottemporat ruħha ma' dak provdut f'tali sentenza billi ħallset id-dejn intier li hija kienet ikkundannata li tħallas solidalment mas-soċjetà konvenuta, is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell waslet għall-konklużjoni li s-soċjetajiet kontendenti ma kellhomx jitqiesu li kienu baqgħu solidalment debituri tas-soċjetà kreditriċi tagħhom u

għaldaqstant is-soċjetà konvenuta ġiet meħlusa minn tali solidarjetà u dan minkejja li l-fatti oġġettivi li setgħu faċilment jigu konstatati matul il-mori ta' din il-kawża wrew li s-soċjetà esponenti baqgħet tiġi mitluba tħallas l-ammont ta' dejn solidali kollu u mhux nofsu proprju *stante* li id-dejn kollu *in solidum* kien baqa' dovut u xejn minnu ma kien ġie mħallas mis-soċjetà konvenuta jew maħfur lilha għall-kuntrarju ta' dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Appell.
"Illi l-fatt li s-sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2002 kienet ingħatat favur tal-kreditur kontra s-soċjetà esponenti u dik konvenuta ma jippreġudika bl-ebda mod ir-rekwiżit imsemmi fl-artiklu 811 (*h*) li jirreferi għal sentenza li tkun ġiet deċiża bejn l-istess partijiet għaliex dak li hu relevanti f'tali sentenza hu l-fatt li kien ġie deċiż permezz tagħha li, bejniethom, kemm is-soċjeta esponenti kif ukoll dik konvenuta kienu debituri solidali versu ħaddieħor u li b'hekk ġew dikjarati debituri solidali fir-rigward tal-ammont ta' dejn li dwaru kienu debituri *in solidum* - fil-waqt li s-sentenza mogħtija fid-9 ta' Novembru 2012 fir-rigward ta' liem ġie preżentat dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni tmur kontra tali deċiżjoni għax teħles lis-soċjetà konvenuta mis-solidarjetà."

18. Hawn ukoll is-soċjetà attriċi qiegħda ssejjes l-argument tagħha fuq premessa ta' fatt żbaljata, *viz.* illi lis-soċjetà konvenuta ma kienx inħafrilha sehemha mid-dejn. Is-soċjetà konvenuta nħelset mid-dejn mhux bis-saħħa tas-sentenza attakkata iżda bis-saħħa ta' ftehim mal-Kredituri. Is-solidarjetà passiva, bħal ma kienet dik bejn il-partijiet fil-kawża tallum, hija fl-interess tal-kreditur, u dan jista' jirrinunzja għaliha bħal ma kull kreditur kanonizzat jista' jirrinunzja għall-effetti ta' sentenza. Ladarba, meta ngħatat is-sentenza appellata, l-istat ta' fatt kien illi sehem is-soċjetà konvenuta mid-dejn kien kollu mħallas, u għalhekk l-effetti tas-sentenza ta' qabel kontrieha kienu spiċċaw, is-sentenza attakkata ma kinitx kuntrarja għas-sentenza ta' qabel u anzi kienet taqbel mal-istat ta' fatt kif kien f'dak il-waqt. Għalhekk, lanqas għar-raġuni taħt l-art. 811(*h*) ma għandha titħassar is-sentenza attakkata.

19. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba tas-soċjetà attriċi għat-tħassir tas-sentenza tad-9 ta' Novembru 2012 bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi. Dan huwa bla ħsara għal

kull jedd illi l-attriċi jista’ jkollha kontra terzi, partikolarment kontra l-Kredituri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------